MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru. 572/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Raymond Buttigieg ta’ 49 sena, iben Francis u Carmela nee’ Borg, imwieled il-Pieta’ nhar it-12 ta’ Lulju 1959, residenti gewwa 29 Flat 3, Tirq Sant’ Anna, Floriana u detentur tal-karta tal-identita` numru 482359(M),**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Raymond Buttigieg u cioe’ talli nhar it-12 ta’ Gunju, 2009, ghall-habta ta’ 17.45hrs, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu

jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan ai terminu tal-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi sabiex tikkonsdra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna immedjata sabiex jindirizza l-problema serja li ghandu tal-vizzju tal-loghob.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum  b'ordni illi l-imputat isegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-loghob.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordni imposta fuqu llum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------